

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 222/2013****tat-13 ta' Diċembru 2013****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 438/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jemenda u jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' ċerti addittivi tal-ikel ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 497/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 509/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' diversi addittivi f'ċerti xar-biet alkoħoliċi ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 510/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' ossidi u idrossidi tal-ħadid (E 172), ta' idrossipropil metilċellulosa (E 464) u ta' polisorbati (E 432-436) għall-immarkar ta' ċertu frott ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2013 tal-11 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 432/2012 li jistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 545/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sustanza aromatizzanti 3-aċetil-2,5-dimetiltiofen ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-fal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 ⁽⁷⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2013 tal-25 ta' Lulju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 608/2004 li jikkonċerna l-ittikkettjar ta' ikel u ingredjenti tal-ikel b'fitosteroli, esteri fitosteroli, fitostanoli u jew esteri fitostanoli miżjudi ⁽⁸⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 iħassar, b'effett mill-20 ta' Lulju 2016, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 ⁽⁹⁾ u d-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE b'effett mill-20 ta' Lulju 2016.

⁽¹⁾ ĠUL 129, 14.5.2013, p. 28.

⁽²⁾ ĠUL 143, 30.5.2013, p. 20.

⁽³⁾ ĠUL 150, 4.6.2013, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠUL 150, 4.6.2013, p. 17.

⁽⁵⁾ ĠUL 160, 12.6.2013, p. 4.

⁽⁶⁾ ĠUL 163, 15.6.2013, p. 15.

⁽⁷⁾ ĠUL 181, 29.6.2013, p. 35.

⁽⁸⁾ ĠUL 201, 26.7.2013, p. 49.

⁽⁹⁾ ĠUL 16, 21.1.2009, p. 3.

⁽¹⁰⁾ ĠUL 124, 20.5.2009, p. 21.

- (10) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 iħassar, b'effett mid-data tal-applikazzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tiegħu, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 953/2009 ⁽¹⁾ u d-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE ⁽²⁾, 1999/21/KE ⁽³⁾, 2006/125/KE ⁽⁴⁾ u 2006/141/KE ⁽⁵⁾, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsewwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE b'effett mid-data tal-applikazzjoni fiż-ŻEE tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.
- (11) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agricoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (12) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. Dan li ġej jiżdied mal-punt 54zzo (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004):
“, kif emendant minn:
— **32013 R 0718:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 718/2013 tal-25 ta' Lulju 2013 (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 49).”
2. L-inċiżi li ġejjin jiżiedu mal-punt 54zzzzr (ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“— **32013 R 0438:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 438/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 129, 14.5.2013, p. 28),
— **32013 R 0509:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 509/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 150, 4.6.2013, p. 13),
— **32013 R 0510:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 510/2013 tat-3 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 150, 4.6.2013, p. 17).”
3. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzzs (ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):
“— **32013 R 0545:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 545/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 163, 15.6.2013, p. 15).”
4. Dan li ġej jiżdied mal-punt 54zzzzzp (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012):
“, kif emendant minn:
— **32013 R 0536:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2013 tal-11 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 160, 12.6.2013, p. 4).”
5. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 69 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012):
“— **32013 R 0497:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 497/2013 tad-29 ta' Mejju 2013 (ĠU L 143, 30.5.2013, p. 20).”
6. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 75 (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2013):
“76. **32013 R 0545:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 545/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sustanza aromatizzanti 3-ācetil-2,5-dimetiltijofen (ĠU L 163, 15.6.2013, p. 15).
77. **32013 R 0609:** Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).”

⁽¹⁾ ĠU L 269, 14.10.2009, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 55, 6.3.1996, p. 22.

⁽³⁾ ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.

⁽⁴⁾ ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.

7. It-test tal-punti 54zzzza (ir-Regolament (KE) Nru 41/2009) u 54zzzzj (id-Direttiva 2009/39/KE) jitħassar b'effett mill-20 ta' Lulju 2016.
8. It-test tal-punti 54p (id-Direttiva 96/8/KE), 54w (id-Direttiva 1999/21/KE), 54zzza (id-Direttiva 2006/125/KE), 54zzzv (id-Direttiva 2006/141/KE) u 54zzzzl (ir-Regolament (KE) Nru 953/2009) jitħassru b'effett mid-data tal-applikazzjoni fiż-ŻEE tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) Nru 438/2013, (UE) Nru 497/2013, (UE) Nru 509/2013, (UE) Nru 510/2013, (UE) Nru 536/2013, (UE) Nru 545/2013, (UE) Nru 609/2013 u (UE) Nru 718/2013 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2013, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.